**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**A10-0027/2024**

5.12.2024

***

# RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja
(08441/2024 – C10-0086/2024 – 2024/0074(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Karlo Ressler

PR_NLE-AP_Agreement

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........4

NOTA SPJEGATTIVA ..........5

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........7

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........8

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........9

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja (08441/2024 – C10-0086/2024 – 2024/0074(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (08441/2024),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja (08447/2024),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 77(2)(b) u (d), u l-Artikolu 79(2)(c), u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0086/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0027/2024),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

**a. L-isfond**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta għandha l-għan li tapprova l-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja kif previst fir-Regolament (UE) 2019/1896 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Wieħed mill-kompiti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (l-"Aġenzija") huwa li tikkoopera ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-oqsma koperti mir-Regolament dwar l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta "inkluż permezz tal-istazzjonament operazzjonali possibbli ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri f'pajjiżi terzi". L-Aġenzija tista' tikkoopera mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi kompetenti fi kwistjonijiet koperti mir-Regolament sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha u tista' twettaq azzjonijiet relatati mal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri fit-territorju ta' pajjiż terz soġġetti għall-qbil ma' dak il-pajjiż terz.

L-iskop tal-ftehim dwar l-istatus huwa li jkopri l-aspetti kollha neċessarji għat-twettiq tal-azzjonijiet tal-Aġenzija fil-pajjiżi terzi. Skont l-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896, f'ċirkostanzi li jirrikjedu l-istazzjonament f'pajjiż terz ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta meta l-membri tat-timijiet se jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, l-Unjoni għandha tikkonkludi ftehim dwar l-istatus mal-pajjiż terz ikkonċernat.

F'konformità mar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u kif imsemmi fl-Artikolu 76(1) tar-Regolament, il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha COM(2021)829, ippreżentat mudell ta' ftehim dwar l-istatus kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2019/1896 li fih dispożizzjonijiet speċifiċi għat-twettiq ta' azzjonijiet fit-territorju ta' pajjiżi terzi. Il-ftehim dwar l-istatus mar-Repubblika tas-Serbja huwa bbażat fuq il-mudell li fasslet il-Kummissjoni.

Fis-16 ta' Ottubru 2024 il-Kummissjoni infurmat lir-rapporteurs bil-progress li sar fin-negozjati għall-ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja. Fl-14 ta' Novembru 2024, saret ukoll laqgħa mal-partijiet ikkonċernati li ffukat fuq id-drittijiet fundamentali. Il-Ftehim ġie ffirmat fil-25 ta' Ġunju 2024 f'Belgrad, is-Serbja.

**b. Il-pożizzjoni tar-rapporteur**

Fl-eqqel tal-kriżi migratorja u tar-rifuġjati tal-2015, mijiet ta' eluf ta' persuni li jfittxu l-ażil u migranti waslu fl-Unjoni Ewropea mill-Balkani tal-Punent u r-Repubblika tas-Serbja kienet tinsab fuq waħda mir-rotot prinċipali għall-movimenti mħallta irregolari. Il-pressjoni migratorja fuq ir-rotot tal-Balkani tal-Punent kienet sinifikanti fis-snin sussegwenti, u ħolqot pressjoni fil-fruntieri esterni tal-UE u kienu meħtieġa aktar sforzi sabiex jiġi kkontrollat il-fluss tal-migrazzjoni b'mod legali, f'konformità mal-leġiżlazzjoni internazzjonali u Ewropea.

Ir-rapporteur iqis li l-konklużjoni ta' ftehimiet formali u ġuridikament vinkolanti fil-qafas tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi hija ta' importanza kruċjali sabiex jiġu żgurati t-trasparenza, l-iskrutinju pubbliku u s-sorveljanza demokratika ta' tali kooperazzjoni.

Il-kooperazzjoni strutturata u sostnuta ma' pajjiżi terzi hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri. Din il-kollaborazzjoni għandu jkollha l-għan li ttejjeb il-proċeduri Ewropej tal-fruntieri u tar-ritorn, tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u l-analiżi tar-riskju, u ttejjeb l-effiċjenza tal-operazzjonijiet ta' ritorn. Barra minn hekk, għandha tappoġġja lill-pajjiżi terzi fil-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni, inkluż permezz tal-istazzjonament tal-korp permanenti fejn meħtieġ biex jiġu ssalvagwardjati l-fruntieri esterni u tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni. It-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri tul ir-rotot migratorji huwa vitali għat-tnaqqis tal-wasliet irregolari, l-indirizzar tat-tattiċi li qed jinbidlu tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' bnedmin, u l-mitigazzjoni tar-riskji relatati mat-traffikar u l-kriminalità organizzata. Il-kooperazzjoni operazzjonali msaħħa stabbilita mill-ftehim se jkollha rwol ewlieni fl-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari u fit-titjib tas-sigurtà reġjonali.

L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Ministeru tal-Intern tar-Repubblika tas-Serbja huma meħtieġa jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u jiżguraw konformità sħiħa miegħu, inkluż fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. Matul il-proċess ta' approvazzjoni fil-Parlament Ewropew, l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-partijiet ikkonċernati dwar l-importanza ta' dan il-ftehim kienu sodisfaċenti. Il-ftehim mar-Repubblika tas-Serbja u l-preżenza ta' uffiċjali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta se jipprovdu elementi proċedurali addizzjonali fil-kontroll tal-fruntieri, bħal operazzjonijiet ta' skrinjar u ta' għoti ta' informazzjoni kif ukoll jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali. Meta jitqies l-għadd sinifikanti ta' persuni li jgħaddu mir-Repubblika tas-Serbja biex jaslu fl-UE, dan il-ftehim se jsaħħaħ l-appoġġ tagħna lis-sħab reġjonali billi jipprovdi għarfien espert essenzjali għall-ġestjoni effettiva ta' dawn il-movimenti. F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, il-ftehim jippermetti lill-Frontex twettaq operazzjonijiet konġunti u tistazzjona l-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta madwar it-territorju Serb, inkluż il-fruntieri tagħha ma' pajjiżi ġirien mhux tal-UE.

Bħala konklużjoni, ir-rapporteur iqis li l-ftehim dwar l-istatus propost huwa konsistenti mal-mudell tal-ftehim dwar l-istatus previst fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontenut u mad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fil-ftehim finali.

Peress li dan il-ftehim dieħel fil-fażi ta' implimentazzjoni, il-Parlament jitlob li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew bl-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus u jfakkar lill-Aġenzija fl-obbligu tagħha li tinkludi fir-rapporti annwali tagħha valutazzjoni tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 73(8) tar-Regolament (UE) Nru 2019/1896.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur jirrakkomanda li l-Parlament japprova t-test tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| European Commission |
| Frontex Fundamental Rights Office |
| Frontex Consultative Forum |
| Mission of the Republic of Serbia to the European Union |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja |
| **Referenzi** | 08441/2024 – C10-0086/2024 – 2024/0074(NLE) |
| **Data tal-konsultazzjoni jew tat-talba għal approvazzjoni** | 16.7.2024 |
| **Kumitat(i) responsabbli** | LIBE |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Karlo Ressler<br>11.9.2024 |
| **Eżami fil-kumitat** | 21.11.2024 |
| **Data tal-adozzjoni** | 3.12.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 51<br>–: 7<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Giuseppe Antoci, Malik Azmani, Pernando Barrena Arza, Nikola Bartůšek, Krzysztof Brejza, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Mélissa Camara, Damien Carême, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Alessandro Ciriani, Paulo Cunha, Marieke Ehlers, Paolo Inselvini, Irena Joveva, Fabienne Keller, András László, Murielle Laurent, Fabrice Leggeri, Michael McNamara, Ana Catarina Mendes, Nadine Morano, Matjaž Nemec, Ana Miguel Pedro, Chloé Ridel, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Cecilia Strada, Tineke Strik, Georgiana Teodorescu, Alice Teodorescu Måwe, Tomas Tobé, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Jadwiga Wiśniewska, Elena Yoncheva, Ewa Zajączkowska-Hernik, Alessandro Zan, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Alma Ezcurra Almansa, Loucas Fourlas, Geadis Geadi, Jan-Christoph Oetjen, Emma Rafowicz, Oliver Schenk, Bartłomiej Sienkiewicz, Sander Smit, Malika Sorel, Anna Strolenberg, Pekka Toveri, Sebastian Tynkkynen, Loránt Vincze, Maria Walsh, Michał Wawrykiewicz |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Barbara Bonte, Niels Geuking, Isabella Lövin |
| **Data tat-tressiq** | 5.12.2024 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 51 | + |
|---|---|
| ECR | Alessandro Ciriani, Geadis Geadi, Paolo Inselvini, Georgiana Teodorescu, Sebastian Tynkkynen, Jadwiga Wiśniewska |
| PPE | Krzysztof Brejza, Paulo Cunha, Alma Ezcurra Almansa, Loucas Fourlas, Niels Geuking, Nadine Morano, Ana Miguel Pedro, Oliver Schenk, Bartłomiej Sienkiewicz, Sander Smit, Alice Teodorescu Måwe, Tomas Tobé, Pekka Toveri, Loránt Vincze, Maria Walsh, Michał Wawrykiewicz, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský |
| PfE | Nikola Bartůšek, Barbara Bonte, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers, András László, Fabrice Leggeri, Malika Sorel, Tom Vandendriessche |
| Renew | Malik Azmani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Fabienne Keller, Michael McNamara, Jan-Christoph Oetjen, Sophie Wilmès, Elena Yoncheva |
| S&D | Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Emma Rafowicz, Chloé Ridel, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Cecilia Strada, Kristian Vigenin, Alessandro Zan |

| 7 | - |
|---|---|
| The Left | Pernando Barrena Arza, Damien Carême |
| Verts/ALE | Saskia Bricmont, Mélissa Camara, Isabella Lövin, Tineke Strik, Anna Strolenberg |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ESN | Milan Uhrík, Ewa Zajączkowska-Hernik |
| The Left | Giuseppe Antoci |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni